# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Frar, 2018.**

**Rikors Numru 617/2017**

***Malta Playing Fields Association***
**(VO – 1266)**

**vs.**

***Royal Malta Yacht Club***

**wara l-mandat ta' Sekwestru Numru 960/2017 fl-ismijiet:**

***Malta Playing Field Association***

**vs.**

***Royal Malta Yacht Club***

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ghar-revoka ta' sekwestru tar-*Royal Malta Yacht Club* datat is-7 ta' Lulju, 2017, (ara foll 1);

2. Rat id-digriet taghha datat iz-19 ta' Lulju, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 42);

3. Rat ir-risposta tal-*Malta Playing Field Association* datata it-28 ta' Novembru, 2017, (ara foll 54);

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-procedura odjerna, (ara foll 68);

Ikkunsidrat:

5. Illi hawn si tratta ta' procedura intiza biex tittenta twaqqa' l-mandat ta' sekwestru Numru 960/2017 li nhareg a bazi tal-artiklu 836 (1) (d) (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), senjatament li permezz tal-istess jista' jintalab ir-revoka tal-istess:

> "d. jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* gustifikat jew ikun eccessiv; jew
>
> "f. jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli";

6.0. Illi in vista tal-istess l-iskrutinju necessistat mill-procedura in dizamina jippernja fuq is-segwenti:

6.1. Jekk il-mandat gia` dekretat ikunx gustifikat;

6.2. Jekk l-istess mandat ikunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh;

Ikkunsidrat:

7. Illi jirrizulta pacifiku li qorti kolpita b'tali talba m'ghandiex tezamina l-istess vertenza fil-fond li jista' jkun jisthoqqilha *stante* li il-procedura mahsuba fl-artiklu 836 tal-Kap 12 hi necessarjament wahda ta' natura sommarja fejn l-ezami tal-istess irid ikun biss *prima facie*;

8. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghad-digriet tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Joseph u Helen Camilleri vs. Anthony u Helen Gove`**, datata l-**10 ta' Mejju, 2001**, li emfasizzat li:

> "... mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-qorti huwa dak biss ta' *prima facie*, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja";

Ikkunsidrat:

9.0. Illi fir-rigward tal-analisi in *prima facie* fuq riferit jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi l-ezami li qorti hekk kolpita trid taghmel biex taccerta ruhha jekk l-ammont mitlub biex jigi ikkawtelat hux wiehed gustifikat jew eccessiv hu statutorjament impost li jkun wiehed *prima facie*;

9.2. Illi jigi immedjatament ribadit li jkun x'ikun l-ezitu ta' dan l-ezami *in prima facie*, senjatament kemm jekk ikun akkolt jew rigettat, dan bl-ebda mod ma jaffettwa l-ezitu tal-kawza dwar il-meritu tal-istess;

9.3. Illi ghalhekk, f'kaz li tigi milqugha t-talba ghall-hrug tal-kontro-mandat in dizamina *ai termini* tal-accertament *in prima facie* fuq riferit, it-talbiet fil-mertu xorta wahda jistghu jirnexxu fil-mertu wara ezami *funditus* fil-kawza proprja bejn il-partijiet;

9.4. Illi bl-istess mod, f’kaz li t-talba ghall-hrug ta’ kontro-mandat tigi respinta wara l-ezami *in prima facie* in dizamina, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors ser jirnexxu;

9.5. Illi ezami *in prima facie* mhu xejn hlief ezami preliminari superficjali – dak li effettivament jirrizulta mad-daqqa t’ghajn;

Ikkunsidrat:

10. Illi minn ezami *prima facie* tad-dokumenti pprezentati *in atti*, partikolarment ir-Rikors Numru 241/2016, (ara foll 22), jidher li l-ammont ikkawtelat fil-mandat ta’ sekwestru in dizamina jemani mill-ammont li qed jigi mitlub mill-Assocjazzjoni *de quo* fil-kawza dwar il-mertu;

11. Illi jidher li dan l-ammont jikkonsisti f’danni allegatament sofferti mill-imsemmija Assocjazzjoni minhabba telf ta’ uzu tal-fond hemm riferit u ghahekk jirrizulta *prima facie* gustifikat;

12. Illi konsegwentement, ghallanqas f’dan l-istadju, l-ammont pretiz mill-imsemmija Assocjazzjoni hekk kawtelat bil-mandat *de quo* ma jistax jitqies bhala wiehed eccessiv;

Ikkunsidrat:

13. Illi in vista tal-premess, jigi sottolineat li m’hemmx raguni ghaliex il-mandat in dizamina ghandu jigi revokat;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi fir-rigward tar-**ragonevolezza** u l-**gustifikabbilita`** tal-att *de quo* fuq riferiti jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi f’dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim’Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Francis u Rita konjugi Spiteri vs Charles u Maria Dolores konjugi Darmanin** ***et***, datata l-**25 t’Awwissu, 2010**, li tirribadixxi s-segwenti:

> “Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, **wara l-hrug tal-Mandat**, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa’, (ghal kollox jew in parti), fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem “jinzamm” u “aktar mehtieg” li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m’ghadux il-kaz”;

14.2. Illi jigi osservat li biex tintlaqa’ t-talba tal-Club rikorrenti f’dan l-istadju ikun mehtieg li jirrizulta li kien hemm tibdil fic-cirkostanzi;

14.3. Illi f’dan l-istadju pero` ma jirrizulta li tressqet l-ebda prova li twassal lil din il-qorti biex tqis li l-*Club* rikorrenti ghandu bazi legittima biex jitlob ir-revoka tal-mandat *de quo*;

Ikkunsidrat:

15. Illi in vista tal-premess, jigi wkoll sottolineat li m’hemmx raguni ghaliex il-mandat in dizamina ghandu jigi revokat;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi fir-rigward tad-**danni** u tal-**penali** rikjamati mill-Club rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi terga ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Spiteri *et* vs. Darmanin *et*** fuq riferita, (ara paragrafu numru erbatax punt wiehed, (14.1.), aktar qabel), li stabbiliet f’dan ir-rigward:

> “Illi minbarra dan il-ligi trid ukoll li lill-qorti tintwera “kawza gusta” biex twassalha tqieghed fuq il-parti ezekutanti ta’ Mandat kawtelatorju l-piz li toffri garanzija tajba. Il-fatt wahdu li jkun inhareg il-Mandat ma jitqiesx bhala “kawza gusta” ghall-

finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm ragunijiet ohrajn, izjed serji u impellenti, li jwasslu lill-qorti taghti dik is-sanzjoni;

"Illi nghad ukoll li d-danni li ghalihom jirreferi l-artikolu taht ezami huma dawk li l-intimat ezekutant jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-att kawtelatorju, u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-ligi ghal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha ragunijiet tajba biex tohrog Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eccessiv, la fieragh u lanqas vessatorju, ghaldaqstant ma jitnisslux ragunijiet la ghall-kundanna ghall-hlas ta' penali u lanqas ghad-danni minhabba l-istess Mandat;

"Illi l-qorti tasal ghall-fehma li f'dan il-kaz ma ntwera li hemm l-ebda raguni gusta li twassalha biex torbot lill-ezekutanti ... biex iressqu l-garanzija mitluba mir-rikorrenti ezekutati";

16.2. Illi rigward il-penali mitluba mill-*Club* rikorrenti hi meqjusa bhala sanzjoni fakoltattiva, u dan, wara li intwera a sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tkun tista' tigi imposta;

16.3. Illi *ai termini* tal-artiklu 836 (8) tal-Kap 12 jirrizulta li hemm erbgha (4) cirkostanzi espressament mahsuba u elenkati f'dan ir-rigward, li gialadarba huma sanzjonijiet punittivi, ghandhom jitqiesu li huma rekwiziti tassattivi;

16.4. Illi fil-kaz in dizamina l-*Club* rikorrenti jindikaw dik ic-cirkostanza imsemmija fl-artiklu 836 (8) (b) tal-Kap 12, senjatament:

"jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju, kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax -il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-

dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed;

"Izda d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat";

u dik imsemmija fl-artiklu 836 (8) (d) tal-istess Kap, senjatament:

"jekk it-talba tar-rikorrenti tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja";

16.5. Illi minn ezami tal-istess ma ssibx li jezistu r-rekwiziti biex tasal ghall-fehma li t-talbiet ghad-danni u ghall-penali jimmeritaw l-avall ta' din il-qorti *stante* li ma jirrizultawx ragunijiet sufficjenti li jiggustifkaw l-imposizzjoni tal-istess bhala rizultat tal-hrug tal-mandat in dizamina;

16.6. Illi f'dan l-istadju terga ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Spiteri *et* vs. Darmanin *et***, (ara paragrafu numru erbatax punt wiehed, (14.1.), aktar qabel, li f'dan ir-rigward irriteniet is-segwenti:

"F'dan il-kaz, il-qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li *bona fede* hija prezunta u li l-hazen irid jigi ippruvat";

Ikkunsidrat:

17.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-*Club* rikorrenti m'ipprovax il-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

17.1. Tirrespingi t-talbiet tal-*Club* rikorrenti;

17.2. Takkolji r-risposti tal-*Assocjazzjoni* intimata;

17.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-*Club* rikorrenti.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**